# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 7 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 40.**

**Citazz. Nru. 1610/00 JRM.**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Jesmond Abela u Pio u Mary mizzewgin Muscat.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta’ attrici wara li ppremetiet;

Illi bit-termini u kundizzjoni msemmija fil-kuntratt datat 26 ta’ Lulju, 1995 fl-atti Nutar Dottor John Debono (Dok “A”), is-

socjeta' attrici ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenut Jesmond Abela;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Jesmond Abela fis-somma ta' sitt elef, tmin mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm6,828.46) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Jesmond Abela mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 26 ta' Lulju, 1995 (Dok "A"), il-konvenuti Pio u Mary mizzewgin Muscat iggarantew flimkien u "in solidum" ma' Jesmond Abela ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Jesmond Abela mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 25 ta' Mejju, 1999 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "C" u Dok "D", sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk il-konvenuti talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

(1) tikkundanna lil Jesmond Abela u lil Pio u Mary mizzewgin Muscat jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lill-attrici s-somma ta' sitt elef, tmin mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm6,828.46) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Jesmond Abela mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 25 ta' Mejju, 1999 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba ghal hamest elef hames mija tlieta u sebghin Liri Maltin u sitta u

hamsin centezmu (Lm5,573.56) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghas-somma ta' hamest elef hames mija tlieta u sebghin Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm5,573.56) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7, ta' Novembru, 2000.**